MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 25/2012

**Joseph Micallef**

**Vs**

**A & M Printing Limited**

Il-Qorti,

Rat illi l-attur fir-rikors guramentat ippremetta :

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza

1. Permezz ta' decizjoni datata 23 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet A & M Printing Limited (C 5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited (talba numru 692/2010), it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ikkundanna, *inter alia,* lill-attur odjern, ihallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' €2,329.37, bl-imghaxijiet skont il-ligi u bl-ispejjez [Dok A].

2. Is-socjeta’ konvenuta segwiet din id-decizjoni b’mandat ta’ sekwestru mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-31 ta’ Jannar 2011 (riferenza numru 244/2011); is-socjeta’ sekwestratarja HSBC Bank Malta plc ipprocediet ghad-depozitu taht l-awtorita’ tal-Qorti ta’ fondi appartenenti lil-attur kif tenuta li taghmel skont il-Ligi; dan permezz ta’ cedola ta’ depozitu pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta’ Frar 2011 (riferenza numru 387/2011). Is-somma depozitata kienet dik ta’ €2,788.02 [Dok ‘B’ u Dok ‘C’].

3. Sussegwentement, permezz ta’ rikors datat 4 ta’ Marzu 2011, is-socjeta’ konvenuta talbet l-awtorizzazzjoni ghall-izbank fl-amont ta’ €2,692.59 kif depozitati; permezz ta’ digriet il-Qorti tal-Magistrati (Malta), ordnat lis-socjeta’ konvenuta tinnotifika lill-attur b’jumejn zmien ghar-risposta. L-attur baqa’ qatt ma gie notifikat b’dan ir-rikors [Dok ‘D’]. Minkejja din l-ordni tal-Qorti, is-socjeta’ konvenuta minflok, intavolat rikors iehor (datat 19 t’April 2011) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema rikors gie milqugh minghajr notifika lill-attur permezz ta’ digriet datat 20 t’April 2011 [Dok ‘E’].

4. Dawn il-fatti graw ad insaputa tal-attur, u gew a konjizzjoni tieghu biss wara illi sehhew, u dan permezz ta’ zewg ittri mibghuta lilu mill-bank precitat u minn socjeta’ illi tipprovdi taghrif dwar krediti, rispettivament datati 2 u 8 ta’ Frar 2011 [Dok ‘F’ u Dok ‘G’] u kif ukoll minn tfittxijiet illi ghamel l-attur precedentement ghar-rikors guramentat odjern.

5. Kif jirrizulta mill-atti processwali tat-talba quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, l-attur gie meqjus notifikat ai termini tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jidher mill-istess atti illi n-notifika tal-attur odjern dejjem kienet qeghdha tipprova ssir f’indirizz gewwa l-Gzira allura l-Imsida, l-indirizz fejn fil-fatt twettqet ukoll il-procedura tal-affissjoni.

6. Kif jirrizulta wkoll mid-decizjoni succitata, it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ipproceda ghad-decizjoni tieghu wara illi ha konjizzjoni tal-procedura kontemplata fl-artikoli

698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara illi ha konjizzjoni tal-fatt illi l-attur odjern kien regolarment notifikat.

7. L-attur jirrisjedi fil-fond ‘Highrise’, Flat 7, Triq L-Imgiebah, San Pawl il-Bahar, u ilu hemm jirrisjedi ghal dawn l-ahhar tnax (12)-il sena [Dok ‘H’ u Dok ‘I’].

8. L-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jirrikjedi illi notifika ssir bil-kunsinna tal-att gudizzjarju fil-lok fejn persuna tkun toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali tal-istess. L-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta inoltre jirrikjedi illi kemm-il darba post ta’ residenza ta’ persuna jkun maghruf, l-att gudizzjarju ghandu jitwahhal mal-bieb ta’ dik ir-residenza. Huwa ghaldaqstant car u inekwivoku illi n-notifika mwettqa permezz tal-procedura tal-affissjoni mis-socjeta’ konvenuta fil-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar hija wahda rregolari.

9. It-twettieq skont il-Ligi tan-notifika tal-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar setghet saret kieku s-socjeta’ konvenuta hadet il-briga li tikkonsulta dokumenti pubblici. L-attur, minflok, gie allegatament notifikat f’post li la kien jabita fih u lanqas ma kien il-post tax-xoghol tieghu.

10. L-ghemil tas-socjeta’ konvenuta u n-nuqqas taghha illi thares u twettaq htigijiet procedurali mandatorji, wassal ghall-irregolarita’ hawn fuq imsemmija, u bhala konsegwenza l-attur ma nghatax l-opportunita’ illi jiddefendi l-kaz tieghu; dan b’nuqqas ta’ tharis tal-principji tal-gustizzja naturali u fondamentali ghal smigh xieraq.

11. Permezz ta’ rikors guramentat datat 25 ta’ April 2011 fl-istess ismijiet, ir-rikorrenti stitwixxa proceduri fil-Qorti Civili, Prim’Awla fuq l-istess mertu odjern (rikors guramentat numru 401/2011). Permezz ta’ sentenza datata 16 ta’ Novembru 2011, il-Qorti Civili, Prim’Awla qatghet u ddecidiet illi l-Qorti kompetenti biex tisma’ l-vertenza odjerna hija din l-Onorabbli Qorti.

12. Joseph Micallef (K.I. nru. 0436750(M)), jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raguni tat-Talba

1. Ghalhekk, fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili tal-kontendenti mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza succitata, l-attur ma nghatax l-opportunita' illi jiddefendi l-kaz tieghu stante illi ma kienx regolarment notifikat.

2. Ghalhekk, peress illi din l-Onorabbli Qorti ghandha l-gurisdizzjoni illi tissindika l-operat tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kazijiet preskritti mil-Ligi u stabbiliti mill-gurisprudenza, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

Talbiet

L-attur talab ghalhekk lil din il-Qorti:
1. Tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 23 ta' Novembru 2010 (talba numru 692/2010) fl-ismijiet A & M Printing Limited (C 5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited nulla, invalida u minghajr effett u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tordna konsegwentement lill-konvenuti sabiex jirrifondu lill-attur is-somma ta' elfejn sitt mija tnejn u disghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€2,692.59), ammont minnhom zbankat permezz tar-rikors datat 19 t'April 2011 in atti tac-cedola ta' depozitu numru 387/11 flimkien ma' hamsa u disghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€95.43), spejjez tal-istess zbank.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li tinsab minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, l-esponenti teccepixxi l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu hija m'ghandhiex l-awtorita' li tissindika decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament ukoll, din l-azzjoni ma tinkwadra ruhha taht l-ebda disposizzjoni misjuba fil-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta. In fatti, l-uniku rimedju misjub fl-istess Kapitolu huwa dritt ta' appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza moghtija mit-Tribunal u fl-ebda hin ma hemm accennat li tista' tittiehed l-azzjoni odjerna hekk kif proposta mill-attur. Ghalhekk, din l-azzjoni ghandha tigi michuda;

3. Illi fit-tielet lok u preliminarjament ukoll, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi u dana stante li f'din l-azzjoni ma gewx mharrka fil-kawza l-kontendenti kollha li kienu nvoluti fil-kawza bin-numru 692/2010 fl-ismijiet A & M Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited;

4. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma fi kwalunkwe kaz infondati fid-dritt u fil-fatt;

5. Illi d-decizjoni fl-ismijiet 'A & M Printing Limited vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited' tat-23 ta' Novembru 2010 (Talba 692/2010) m'hijiex nulla, invalida u minghajr ebda effett legali;

6. Illi b'mod partikolari b'riferenza ghar-ragunijiet ghaliex qed jigi allegat li d-decizjoni msemmija hija nulla, invalida u minghajr effett legali, huwa sottomess li l-esponenti hija nfurmata li kuntrarjament ghal dak allegat f'din il-kawza, ir-rikorrenti Joseph Micallef verament ighix fl-indirizz 'Joanne', Tower Gate Street, Imsida, Malta, fejn l-istess esponenti ppruvat tinnotifikah personalment. Ghaldaqstant, l-affissjoni kontestata f'din il-kawza kienet verament regolari;

7. Illi inoltre' u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li fi kwalunkwe kaz in-notifika lill-intimati fl-atti ta' l-avviz fuq imsemmi ma saritx biss bil-procedura ta' l-affissjoni izda saret ukoll bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema notifika ghandha titqies bhala fi kwalunkwe kaz valida;

8. Konsegwentement jirrizulta li d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fuq imsemmija kienet valida u regolari, bil-konsegwenza li t-talbiet kollha ta' la-ttrici ghandhom jigu michuda.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012 kien hemm qbil bejn id-difensuri tal-partijiet li tinghata sentenza preliminari fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din is-sentenza hija dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari mressqa mis-socjeta' konvenuta.

Illi in sintezi dak li ta lok ghall-proceduri odjerni kien is-segwenti:

- Is-socjeta' konvenuta nizjat proceduri kontra l-attur u JM Trading Agency Limited fit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.
- Mhux kontestat li bhala notifika ntuzat il-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetti.
- It-Tribunal ghadda ghad-decizjoni tieghu fit-23 ta' Novembru 2010 u kkanonizza lis-socjeta' konvenuta bhala kreditrici ta' Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited ghas-somma mitluba bl-imghaxijiet u bl-ispejjez.
- Ebda appell ma gie interpost.

- Sussegwentement is-socjeta’ konvenuta pprocediet biex tesegwixxi t-titolu ezekuttiv li ottjeniet u dan permezz ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv.
- Gew depozitati flejjes in segwitu ghall-mandat ezekuttiv u eventwalment is-socjeta’ konvenuta zbankat l-istess ammonti.

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li s-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar hija nulla, invalida u minghajr effett u dan peress li n-notifika li saret kienet wahda rregolari u ghaldaqstant il-principji ta’ gustizzja naturali ma gewx imharsa fil-konfront tieghu.

L-Ewwel Eccezzjoni

Illi s-socjeta’ konvenuta eccepiet fl-ewwel lok l-inkompetenza ta’ din il-Qorti peress li ssostni li din il-Qorti m’ghandhiex l-awtorita’ li tissindika decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Hekk kif gie ritenut fis-sentenza **Dennis Mifsud vs Albert Degiorgio**[1]**:**

*‘Sewwa ntqal illi ‘l-Att numru V tal-1995 li waqqaf it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jipprovdi ghall-proceduri spediti bil-minimu ta’ informalita` u regoli procedurali tant li espressament jistipula li ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba n-nuqqas ta’ tharis ta’ xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa kemm jista’ jkun mal-Att jew mar-regoli maghmula tahtu (Art 9, subinciz 3)” – “**Emmanuel Caruana noe –vs- Elaine Cachia**”, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta’ Novembru 1996.*

*Korrettement ukoll issokta jinghad, dejjem f’din l-istess decizjoni, illi “naturalment iridu jitharsu l-principji ta’ gustizzja naturali u fondamentali ghal smiegh xieraq quddiem Tribunal imparzjali u ndipendenti sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja. Fost dawn il-principji hemm ovvjament dak li, fid-determinazzjoni tad-*

[1] App Civili: 1139/2002PS deciz fil-11 ta’ Frar, 2004

*drittijiet civili taghha minn tali Tribunal, il-parti ghandha tinghata l-opportunita` tiddefendi l-kaz taghha u certament ma tistax taghmel dan jekk ma tkunx giet bhala parti konvenuta, notifikata bit-talba kontra taghha". F'dak il-kaz il-Qorti kienet qed tidderimi materja fl-ambitu tal-Artikolu 13 tal-Att.*

*Huwa difficli biex din il-Qorti, u kull min hu razzjonali, ma jaqbilx mal-espressjoni ta' opinjoni fuq senjalata. Hekk ukoll, anke jekk rikonoxxuti lir-ritrattazzjoni l-interpretazzjoni strettissima u r-rimedju straordinarju tieghu, wiehed ma jistax ugwalment ma jaqbilx mal-veduta riflessa fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali in re "***Leonard Muscat –vs- Onorevoli Prim Ministru***", 31 ta' Lulju 2000, dwar l-importanza tal-istitut biex jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u tigi evitata 'miscarriage of justice' u b'hekk tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet.*

*Ikollu jinghad pero` illi, elokwenti kemm huwa elokwenti, dawn l-opinjonijiet u veduti ma jservux biex tirrizolvi l-"vexata quaestio". Dan ghaliex fil-kaz in disamina l-legislatur ma hasibx ukoll ghall-provvediment tad-dritt tar-ritrattazzjoni quddiem it-Tribunal. Li jfisser illi kieku din il-Qorti kellha tammetti dan id-dritt tkun qed tinoltra ruhha f'kamp li di diritto mhux rizervat lilha. L-invokazzjoni ghall-principju tal-ekwita` ma ggibx ghal daqshekk illi r-ritrattazzjoni hi permissibbli anke fejn dan mhux konsentit jew akkordat skond il-volonta` tal-ligi.*

*Il-Qorti tissimpatizza mal-veduti tal-appellanti espressi fl-aggravju tieghu, anke jekk ghal vers iehor ma tistax takkoljihom. Jibqa' l-fatt illi anke jekk il-ligi specjali ma tipprovdix ghar-ritrattazzjoni dan ma jfissirx illi l-appellanti ma ghandux rimedju konsimili ghal dak ottenut fil-kaz ta' decizjoni mit-Tribunal Industrijali. Dan ghaliex hu ben rikonoxxut illi l-Qrati ordinarji jibqghalhom il-gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat ta' dak it-Tribunal f'kaz fejn dan ikun mar 'ultra vires' jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew fejn is-sentenza tkun kontra xi ligi miktuba. Dan apparti wkoll ir-rimedju kostituzzjonali biex jithassru*

*sentenzi. Ara a propozitu "**Cuschieri vs- Prim Ministru et**", Qorti Kostituzzjonali, 7 ta' Frar 1996.*

*Hemm imbaghad is-sentenza fl-ismijiet "**Giuseppe Felice Morina –vs- Edward Spiteri**", Prim'Awla, Qorti Civili, 26 ta' Marzu 1953. Minnha hu dezumibbli illi fejn ligi partikolari ma tipprovdiex ir-rimedju, u jkun jezisti kaz ta' vjolazzjoni ta' wiehed mill-principji ta' gustizzja naturali, dan jista' jigi re-integrat mit-tribunal ordinarju "fl-assenza ta' rimedji statutorji specifici".'*

Illi abbazi ta' tali nsenjamenti huwa bil-wisq evidenti li l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda stante li din il-Qorti hija kompetenti sabiex tissindaka decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar skont kif fuq spjegat.

<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>

Illi fit-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet hekk:

*'Illi fit-tieni lok u preliminarjament ukoll, din l-azzjoni ma tinkwadra ruhha taht l-ebda disposizzjoni misjuba fil-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta. In fatti, l-uniku rimedju misjub fl-istess Kapitolu huwa dritt ta' appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza moghtija mit-Tribunal u fl-ebda hin ma hemm accennat li tista' tittiehed l-azzjoni odjerna hekk kif proposta mill-attur. Ghalhekk, din l-azzjoni ghandha tigi michuda'.*

Illi m'hemmx dubju li l-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi biss ghall-appell li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza tat-Tribunal. Kif diga' inghad precedentement l-istitut ta' ritrattazzjoni mhux a disposizzjoni sabiex decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar tigi mhassra u dan huwa komprensibbli tenendo kont li dan huwa 'tribunal' u mhux qorti.

Illi s-sentenza msemmija mis-socjeta' konvenuta fl-ismijiet **Dr Angele Formosa nomine vs Publius Pisani**[2] mhijiex applikabbli ghall-kaz inkwistjoni. Infatti l-fattispecie taz-zewg kazijiet huma differenti. F'dawk il-proceduri s-sentenza li kienet qeghdha tigi attakkata kienet inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Sede Inferjuri u la kien sar appell u wisq anqas intalbet ir-ritrattazzjoni li kien rimedju disponibbli ghal dik ir-rikorrenti. Kif diga' gie spjegat fil-kaz tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar dan ir-rimedju mhux disponibbli.

Illi l-Qorti ta' l-Appell ghamlet tali ragunament fil-kawza *supra citata* fl-ismijiet **Mifsud vs Degiorgio** sabiex waslet ghall-konkluzjoni li m'hemmx ritrattazzjoni minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar**:**

*'Huwa indiskuss illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma huwiex annoverabbli fost il-qrati ordinarji (Ara Artikoli 2,3 u 4 tal-Kap 12). Hu cert ukoll, pero`, li dak l-istess Tribunal jezercita funzjonijiet gudizzjarji. Tal-istess speci huwa wkoll kwalsiasi Bord jew Tribunal iehor imwaqqaf b'ligijiet specjali. Eppure, imbaghad, dawn l-istess bordijiet jew tribunali ohra ma jidherx li huma prekluzi milli japplikaw in-normi tal-Kodici ta' Procedura. Dan, s'intendi, sa fejn lilhom konsentit mill-istess ligi li kkrejathom. Jinhass ghalhekk opportun f'dan l-istadju, ghall-ahjar illustrazzjoni tal-materja, illi jigu rivizitati certi ligijiet u certa gurisprudenza biex minnhom possibilment jinhareg il-paragun, jew kuntrast, skond il-kaz, mat-Tribunal 'de quo'.*

*Hekk per ezempju l-Bord li Jirregola l-Kera jinsab mil-ligi specjali tieghu (Kap 69) espressament konferit is-setghat moghtija mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Art 20(1)). Similment insibu fil-kaz tal-Bord dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba (Kap 199) bl-Art 6 ta' l-Att kostituttiv tieghu, u fil-kaz tal-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet (Kap 88) bl-Art. 25 (2) ta' dik il-ligi.*

*Gie kummentat fir-rigward illi "hu ghalhekk korollarju logiku u guridiku li huma applikabbli ghall-proceduri tal-*

[2] Deciza fit-28 ta' Ottubru 2011

*Bord id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Procedura Civili meta ma jkun hemm xejn in kuntrarju fil-ligi specjali tal-Bord, jew meta ma jkunx manifestament inapplikabbli, jew xort'ohra nkompatibbli mal-funzjonijiet specjali tal-Bord. Hekk per ezempju din il-Qorti rriteniet diversi drabi li huma applikabbli ghall-proceduri tal-Bord id-disposizzjonijiet tar-ritrattazzjoni" (***Kollez. Vol XL plp 381***).*

*Dan hu ben manifest fil-kaz tal-Bord li Jirregola l-Kera, kif ezemplifikat fid-decizjonijiet fl-ismijiet "***Anthony Cassar –vs- Flora Mifsud***", Appell, 5 ta' Frar 1945 u "***Edward Kitcher –vs- Gio Maria Ciappara***", Appell, 17 ta' Gunju 1955.*

*Interessanti din is-silta mehuda mill-ewwel sentenza appena accennata "***Cassar –vs- Mifsud***", bazata fuq l-inferenza dedotta mill-Art 20 tal-Kap 69 surreferit:-*

*"Dan il-Bord ghal ragunijiet prattici u suggeriti mill-principji li janimaw kwalunkwe procediment gudizzjarju li huma principji ta' gustizzja temprata mill-ekwita` ma jidhirlux li ghandu jiddiparti mill-atteggjament li ha s'issa f'kazi ta' ritrattazzjoni bazati fuq motivi li ma jkunux dawk biss kontemplati espressament fl-art 43 (illum 42) ta' l-Ordinanza li tirregola l-kera. Il-Bord, avvolja huwa Bord u mhux Qorti, ghandu attribuzzjonijiet lilu konsentiti mill-istess legislatur".*

*Adottati dawn il-principji ghall-kaz in diskussjoni wiehed ma jsibx disposizzjoni espressa fl-Att V ta' l-1995 (Kap 380) konsimili ghal dik raffigurata fil-ligijiet specjali fuq imsemmija. Kulma jinghad fl-Att hu li l-Gudikatur "ikollu l-istess setgha daqs magistrat li joqghod fil-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza civili taghha" (Art 9 (2)(c). Kif hekk insibu f'bosta ligijiet ohra dwar tribunali li ghandhom setghat kwazi-gudizzjarja, huwa logiku hafna l-inseriment ta' dan il-provvediment biex dan proprju jaghti lill-gudikatur jew chairman tat-tribunal il-minimu ta' certi poteri bhal dawk li jharrek, jippresta l-gurament, jiddomanda l-produzzjoni ta' dokumenti u hwejjeg korrelatati ghall-iskop tal-qadi tal-funzjonijiet tieghu. Hekk, insibu similment f'ligijiet rigwardanti certi bordijiet u tribunali ta' appelli bhal*

*per ezempju l-Kap 399 (Att dwar it-Telekomunikazzjonijiet) u l-Kap 406 (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud). Dan hu ben differenti mil-provvediment tal-ligijiet specjali ezaminati li expressis jirreferu ghall-Kodici ta' Procedura.*

*Huwa bil-wisq evidenti mill-kumplament tal-imsemmi Artikolu 9 illi l-legislatur ma riedx illi certi disposizzjonijiet komminati mil-ligi ta' Procedura japplikaw ghall-proceduri quddiem it-Tribunal. Huwa daqstant iehor car min-natura stess tal-Att partikolari illi l-legislatur ma riedx jissoggetta d-decizjoni tat-Tribunal bl-istess mod tas-sentenzi tal-awtoritajiet gudizzjarji l-ohra, kompriz allura l-Bordijiet specjali surreferiti. Forsi din id-distinzjoni mhiex nieqsa ghal kollox minn certa gustifikazzjoni tenut rigward tal-fatt illi t-Tribunal hu presjedut minn Gudikatur li ma ghandux il-kariga la ta' imhallef u lanqas ta' magistrat, kif ghandhom il-Bordijiet imsemmija. Il-kariga tieghu hi limitata fiz-zmien u la preskritta fl-Art 100 tal-Kostituzzjoni u lanqas imharsa skond is-subincizi (2) u (3) tal-Artikolu 97 tal-istess Kostituzzjoni. Dan apparti konsiderazzjonijiet ohra emergenti mill-istess Att V ta' l-1995 bhal fil-kaz tad-dritt ta' l-appell li hu wiehed limitat hafna, cirkoskritt ghal kontingenzi preskritti fl-Art. 8 tal-Att. Dan id-dritt, invece, hu regolat differentement fil-kaz tal-Kapijiet 69 u 199. Anke minn dan jidher manifest illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar m'ghandux la l-funzjonijiet u lanqas l-attribuzzjonijiet bhal dawk rizervati mil-ligi specjali taghhom lil Bord li Jirregola l-Kera jew lil Bord dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba'.*

*Il-fatt li f'dan l-Att kemm f'xi artikoli tieghu rikjam specjali ghal xi disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ma ghandu jikkreja l-ebda perplessita zejda ghaliex hu ben notorju illi, kif rizultanti f'bosta ligijiet ohra, dawn huma cirkostanzi li fihom il-legislatur ikun espressament ried li japplikaw u jigu adottati ghac-cirkostanzi specjali tat-Tribunal. Ad exemplum fil-kaz ta' astensjoni jew rikuza (Art 5), l-appell lil din il-Qorti mid-decizjoni tat-Tribunal (Art 8), u d-dmirijiet tar-Registratur tat-Tribunal (Art 12 (2)).'*

Kwindi ladarba m'hemmx id-dritt ta' ritrattazzjoni, il-Qrati ordinarji jibqalhom gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat tat-Tribunal biex ikun accertat li d-decizjoni li nghatat ma tkunx marret *ultra vires* jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew tkun kontra xi ligi miktuba.

Fil-kaz in dizamina l-allegazzjoni hija li ma saritx notifika valida w allura certament ma setghax isir appell fit-terminu ghax il-parti ma kinitx taf bil-proceduri. S'intendi jekk din l-allegazzjoni hijiex fondata hija kwistjoni ohra u l-Qorti taghmilha cara li dawn il-proceduri ma jistghux jittrasformaw ruhhom f'xi forma ta' appell izda jridu jkunu limitati sabiex jigi nvestigat l-ilment ta' l-attur li kien hemm ksur tal-principji ta' gustizzja naturali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez ta' dan l-incident a karigu tas-socjeta' konvenuta.

Tordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------